Lil Andrea, Kbir Appostlu
Jixraq wisq li nonoraw
U bħala protettur tagħna
Lilu mmorru nimitaw.



# Il-Kapumastru Perit Giuseppe Bonnici

## li għamel id-disinn tal-Vara Titulari ta' Ħal Luqa

**Anton Morana**

Din is-sena qegħdin infakkru l-mitt sena minn mindu l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu ta' Ħal Luqa kienet irrestawrata fl-1913. Ngħidu rrestawrata għax jekk tara kif kienet l-istatwa qabel ir-restawr u kif saret wara, lanqas kont tagħrafha. Fl-2005, Dr John Debono Ph..D., riċerkatur u kittieb tal-istorja, sab - wara ħafna snin - meta saret il-vara ta' Sant'Andrija u min għamilha.

Din ir-riċerka saret kollha fl-Arkivju Nutarili li jinsab fil-Belt Valletta. *(Ara l-ħarġa speċjali ta' Leħen il-Parroċċa Ħal Luqa, Nru 366, Lulju/Awwissu).*

Tiftix biex insiru nafu meta u min għamel l-istatwa titulari ta' Ħal Luqa, kien ilu sejjer u oralment ħafna qalu li kienet ta' dak l-iskultur jew l-ieħor. Meta Dun Ġużepp Micallef, għamel riċerka biex jikteb l-istorja ta' Ħal Luqa ma kienx sab min għamilha. Huwa jgħid li l-Ħalluqin bdew jitħajru jagħmlu statwa għax il-festa kibret u meta f'Novembru 1781, l-Isqof Labini kien fuq vista pastorali, ra l-istatwa lesta fin-niċċa tagħha fejn il-fonti tal-magħmudija.

Irridu ngħidu, li ħafna drabi, meta kienet issir xi opra jew xogħol fil-knejjes Maltin, l-ewwel li kien isir kien rikors mill-kappillan jew prokuratur lill-Kurja tal-Isqof. Biex isir ix-xogħol jew kull opra, min kien il-benefattur kien jagħmel kuntratt għand Nutar mal-artist kemm jekk kien ikun pittur, skultur jew ħaddieħor. F'dan il-kas hekk ġara; biss kien il-benefattur li għamel il-kuntratt mal-iskultur jew skulturi tal-istatwa ta' Sant'Andrija.

Din l-istatwa ma ġietx ordnata mill-Knisja ta' Ħal Luqa, iżda kien il-benefattur Andrea Camenzuli, Surġent fil-*Militia* li kien joqgħod il-Birgu, li nhar il-5 ta' Frar 1778, ordna l-istatwa mingħand Mastru Cosimo Scolaro mill-Isla. Għal xi raġuni, l-istatwa ma saritx minn Cosimo Scolaro, iżda minn ħuh Giuseppe Scolaro, permezz ta' kuntratt ieħor fl-1778. Dan kollu nafuh mill-kuntratt li sar għand in-Nutar Silvestro Saverio Buttigieg. Xi ħadd kien jaf li dik l-istatwa saret minn flus Andrea Camenzuli għax meta sar ir-restawr tal-vara fl-1913, waħħlu plakka mal-bażi tal-istatwa ta' Sant'Andrija li ssemmi lil Andrea Camenzuli li ħallas l-istatwa ta' Sant'Andrija fl-1795. Tindika wkoll li l-poplu Ħalluqi ħallas ir-restawr tal-istatwa fl-1913.

Minn dawn il-kuntratti li jinsabu fl-Arkivju Notarili, wieħed jista' jsib ħafna informazzjoni dwar il-ħajja soċjali,

ekonomika, reliġjuża u artistika tal-poplu Malti. Kien b'dan il-mod paċenzjuż u li ħa ħafna żmien li l-ħabib tiegħi Dr. John Debono sab min kien l-iskultur ta' din l-istatwa, tant għal qalb il-Ħalluqin.

Għalkemm l-istatwa skolpiha wieħed mill-aħwa Scolaro, Giuseppe, fil-5 ta' Frar 1778, is-Surġent Andrea Camenzuli minn Ħal Luqa, ordna li ssir fuq disinn tal-kapumastru-perit Giuseppe Bonnici. Il-pedestall u l-bankun għadu jeżisti u jintrama fil-festa liturġika ta' Sant'Andrija lil ssir f'Novembru. Huma xogħol fuq disinn tal-istess Giuseppe Bonnici. Mela jekk Scolaro għamel l-istatwa ta' Sant'Andrija, Giuseppe Bonnici ħoloqha b'disinn tiegħu. Hekk kien hemm imniżżel fil-kuntratt: li l-istatwa, il-pedestall u l-bankun kellhom isiru fuq disinn ta' Bonnici. Mela Andrea Camenzuli kien jaf bil-kapaċità ta' Bonnici u qabel m'għamel il-ħsieb għall-istatwa, mar għand Giuseppe Bonnici u għamillu d-disinn. Jekk id-disinn ta' din l-istatwa sar fl-1778 allura din kienet waħda mill-aħħar xogħlijiet ta' Bonnici, għax miet fl-1779.

## Min kien Giuseppe Bonnici, jew Bonici, kif kultant kienu jsibuh?

Il-kapumastru-perit, Giuseppe Bonnici kien minn Ħal Luqa. Twieled fis-26 ta' Ottubru 1707 minn Duminku u Maria. Dan huwa wieħed minn tliet arkitetti Ħalluqin tas-seklu 18, li għamlu isem. Fosthom hemm Giovanni Bonavia u Sebastian Saliba. Dan Giuseppe Bonnici, forsi l-aktar li għamel isem, għax minbarra li kien stmat ħafna mal-Ordni ta' San Ġwann jidher li għamel ħafna xogħlijiet fi żmien il-Granmastru Pinto u Vilhena.

## Mastri periti

Wieħed li kien jistma' biċċa bini jew raba' kien jissejjaħ perit. Ħafna Ħalluqin kienu jidħlu għal dan ix-xogħol - ħaġa li



tinftiehem mill-ewwel meta wieħed iqis kemm irġiel Ħalluqin kienu mitfugħin għas-sena tal-ġebel jew għall-biedja. Tnejn minnhom, Bastjan Vella u Giuseppe Bonnici irnexxielhom ikunu fost it-tnax-il mastri periti li kien ikun hawn Malta. Din kienet ħatra li tingħata biss mill-Granmastru. Bastjan Vella nħatar wieħed mit-tnax fil-21 ta' April 1736. Giuseppe Bonnici, fit-2 ta' Ottubru 1750 kien maħtur b'permess speċjali tal-Granmasttru, perit pubbliku straordinarju, assessur u sfumatur għal Malta kollha. Inħatar mastru perit fil-5 ta' Novembru 1754. Bonnici kien ukoll kapumastru mal-Ordni u mexxa x-xogħol tas-swar, il-Furjana fejn mar joqgħod għall-ħabta tal-1758.

F'April 1762, bħala apprezzament tal-ħidma tiegħu għall-Ordni, l-Granmastru tah l-Unur ta' Donat (bl-Ingliż *Brother*). Tlettax-il sena wara, fil-5 ta' Diċembru 1775, għall-ħila li kien ilu juri fl-arkitettura, l-Ordni ħatru bħala inġinier tiegħu. Aktarx li dan hu l-arkitett imsemmi Malti, Giuseppe Bonnici. Jekk hu hekk, ħarġu minn taħt idejh il-pjanti ta' ħafna djar kbar u xi knejjes. L-aqwa opra tiegħu hi d-Dwana, mtella' fuq sisien f'qiegħ il-baħar. Huwa miet fl-1779.

Kif rajna, Giuseppe Bonnici, għalkemm twieled Ħal Luqa, f'xi żmien ma baqax jgħix Ħal Luqa. Dan minħabba x-xogħol tiegħu li kien l-iżjed lejn il-Belt u l-Furjana. Bonnici jidher li kellu ħafna xogħlijiet mhux biss mal-Ordni, iżda fi knejjes u palazzi. Biżżejjed ngħid li dan kien wieħed mill-aħħar periti li jissemmew ħafna qabel mal-Ordni kienet imkeċċija minn Malta fl-1798. Ix-xogħol ta' Bonnici kien ta' inġinier militari u f'xogħlijiet pubbliċi. Il-palazzi u djar li bena, kienu juru l-ħila tiegħu mhux biss bħala perit-inġinier, iżda kien ukoll artist għax kien jaf id-disinn sew. Kien imfittex ħafna u xogħlu jidher fi knejjes ukoll. Fil-knisja ta' Santu Wistin ir-Rabat Għawdex, għamel l-artal tal-Madonna taċ-Ċintura.

Il-karigi tiegħu mal-Ordni kienu importanti u nsibu li bejn l-1761-1779 kien kapumastru tax-xogħlijiet pubbliċi *(Capomastro delle opera)*.

Fost xogħlijiet li wettaq insibu t-tkomplija tal-Castellania, dik li kienet il-qorti tal-Ordni, illum il-Ministeru tas-Saħħa u l-bini tad-Dwana fil-Belt. Kien ukoll imqabbad iħażżeż ukoll pjanti għall-knejjes, fosthom dawk ta' San Publiju fil-Furjana, tal-knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta u aktarx il-knisja ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex. F'Ħal Tarxien għandu l-kappella sabiħa ħafna ta' San Bert. Fil-Furjana, fejn x'aktarx Bonnici għex nofs ħajtu, waqqaf artal ta' San Tumas, għannom tal-bennejja u fratellanza. Dan l-artal, minn riċerka li saret u minn xi ritratti, ma kellux pittura fuqu, iżda alto-riliev, jiġifieri skultura mqabbża l-barra, li kienet turi lil San Tumas. Tgħid kien tiegħu id-disinn tal-iskultura? Dwar dan l-artal ta' San Tumas fil-Furjana, kien inkiteb artiklu minn żewġ studenti tal-istorja tal-Arti tal-Università ta' Malta u dehru fil-ħarġa *The Architect*, suppliment tat-*Times of Malta*.

L-istatwa ta' Sant'Andrija kellha tkun skolpita minn Scolaro, skont id-disinn ta' Giuseppe Bonnici, kif hemm imniżżel fil-kuntratt li sar bejn Mastru Gusmano Scolaro u s-Surġent Andrea Camenzuli. *"e stipulante una statua di legname di purente dell'altezza palmi sette rappresentate l'Apostolo San Andrea con il suo piedistallo, e bradella pure di legname con tutti li suoi ferramenti senza pero le aste "giusta il disegno da farsi del donato Capomastro Guiseppe Bonnici."* Din il-kitba turi li Bonnici mhux biss kien kapumastru, iżda kien artist, għax kien jaf id-disinn.

Din xi ħaġa ġdida fejn tidħol it-tfittxija dwar il-ħajja ta' dawn il-kapumastri - periti. Mela ħafna drabi, għalkemm ma baqa' xejn minn dawn id-disinji, l-kapimastri biex jagħmlu biċċa xogħol u biex Andrea

Camenzuli, il-benefattur tal-istatwa ta' Sant'Andrija, ordna din l-opra bilfors li l-ewwel mar għand Bonnici.

Fl-1778, Bonnici kien fl-aħħar snin ta' ħajtu u allura kien matur ħafna f'xogħolu. Nistgħu ngħidu li qatt ma kien inkiteb u sirna nafu li xi ħadd għamel statwa proċessjonali b'disinn l-ewwel. Scolaro kien l-iskultur, biss ried joqgħod għal dak li kien miktub fil-kuntratt, jiġifieri skont id-disinn ta' Bonnici. Naturalment, l-iskultur b'dak li kien inkiteb ma kellux libertà artistika sħiħa.

Kien x'kien il-kas, nistgħu ngħidu li l-kapumastru - perit Giuseppe Bonnici ħoloq il-vara ta' Sant'Andrija, kollha kemm hi. Din l-istatwa, jew aħjar id-disinn tagħha, hija l-aħħar xogħol li ħareġ minn taħt idejn Bonnici u naħseb li l-istoriċi tal-arkitettura Maltija ftit għandhom għarfien artistiku ta' dan il-bniedem.

Hu x'inhu l-każ, dan huwa l-uniku xogħol ta' dan il-kapumastru - perit Ħalluqi, f'Ħal Luqa stess. Għalina, dan huwa l-aqwa xogħol! Jonqos biss li nagħrfu l-ħila u l-fama ta' dan il-persunagg, iben Ħal Luqa, li ħalla marka qawwija fl-istorja tal-arkitettura f'Malta u wkoll l-istatwa għażiża ta' Sant'Andrija.

Tkun ħaġa xierqa li mitt sena mir-restawr tal-vara, Giuseppe Bonnici għandu jiġi mfakkar f'Ħal Luqa b'isem ta' triq jew irħama fil-knisja ta' Ħal Luqa, fejn fiha jissemmew ukoll id-donatur Andrea Camenzuli u l-iskultur Guiseppe Scolaro.

**Riferenzi**


Dun Ġ. Micallef, *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha.*

*Leħen il-Parroċċa Ħal Luqa 2005 Lulju/Awwissu.*

Dr. J. Debono: *Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha.*



